MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2013

Citazzjoni Numru. 126/2006

**Pacifico Bezzina (I.D. 668450M)**

***kontra***

**Patrick-Ian Calleja maghruf bhala Patrick Calleja (I.D. 442863M), u martu Catherine Calleja (I.D. 126265M)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-20 ta` Frar 2006 li jaqra hekk –

*1. Illi l-esponent gie kommissjonat mill-intimat Patrick-Ian maghruf bhala Patrick Calleja, zewg il-konvenuta Catherine Calleja, biex jaghmel appalt fid-dar ta` residenza tal-intimati 22, Charlotte Alley, Gharghur, konsistenti dan l-appalt f`diversi xogholijiet tal-gebel u bini kif ahjar dettaljat fl-annessi kontijiet (Dok. "A" u "B" hawn uniti) u li jammontaw ghal wiehed u sittin elf, tmien mija u tnejn u hamsin lira maltin u tnejn u sebghin centezmi (Lm61,852.72) u hamest elef, hames mija u tmienja u disghin lira maltin u tmienja u sebghin centezmi (Lm5,598.78) rispettivament, b`kollox ammontanti ghal sebgha u sittin elf, erba` mija u wiehed u hamsin lira maltin u hmistax-il centezmi (Lm67,451.15).*

*2. Illi l-intimati hallsu s-somma ta` erbghin elf lira maltin (Lm40,000) in akkont, u ghalhekk baqghalhom bilanc dovut ta` sebgha u ghoxrin elf, erba` mija u wiehed u hamsin lira maltin u hmistax-il centezmi (Lm27,451.15).*

*3. Illi l-esponent interpella inutilment lill-intimati biex ihallsu.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha : -*

*1. Tikkundanna lill-intimati jhallsuh is-somma ta` Lm27,451.15 bilanc ta` somma akbar rapprezentanti prezz ta` appalt esegwit mill-esponent fuq istruzzjonijiet tal-intimat fid-dar ta` residenza tal-istess intimati kif fuq inghad.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri nterpellatorji tat-28 ta` Frar 2005 u tas-16 ta` Marzu 2005, tal-Mandat ta` Sekwestru u tal-Mandat ta` Inibizzjoni prezentati kontestwalment, u bl-imghax legali mit-28 ta` Novembru 2004 id-data tal-prezentata tal-kont, kontra l-intimati minn issa ngunti biex jidhru personalment ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fis-6 ta` April 2006 li taqra hekk –

*1. Illi preliminarjament it-talba tal-attur hi preskritta ai termini tal-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili billi l-attur spicca mix-xoghol tieghu f`Gunju 2004 u dawn il-proceduri gew prezentati biss fl-20 ta` Frar 2006.*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost it-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu billi mhux minnu li l-attur huwa l-kreditur tal-konvenuti ; illi l-partijiet kienu ftehmu li l-attur jaghmel xoghol u li jithallas skond ir-rati li jigu stabbiliti mill-konvenut skond ir-rata tas-suq. Illi wara li spicca mix-xoghol l-attur ippretenda li ghandu jithallas b`rata hafna oghla mir-rata miftehma. Illi waqt ix-xoghol l-attur gie mhallas bir-rati kif miftiehem u dejjem accetta l-pagamenti. Kien ukoll il-konvenut li bi ftehim mal-attur ghamel il-"measurements" kollha. Illi r-rati esebiti mill-attur huma bbazati fuq kont mahrug minn Perit li qatt ma gie jara x-xoghol u qatt ma tkellem mal-konvenuti biex jara l-ftehim kien hemm bejn il-partijiet. L-istess perit ibbaza r-rati esklussivament fuq dak li qallu l-attur.*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost l-ammont mhux dovut ghaliex l-attur naqas li jispicca x-xoghol fiz-zmien miftiehem u b`hekk il-konvenuti sofrew danni billi kellhom ikomplu jikru post alternattiv kif ser jigi spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost l-attur naqas li jaghmel ix-xoghol skont is-sengha kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-risposta guramentata.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tal-24 ta` April 2006 fejn kien mahtur il-Perit Godwin Abela bhala perit tekniku sabiex jirrelata dwar it-talba attrici.

Rat ir-relazzjoni peritali u l-atti l-ohra li kienu prezentati mill-perit tekniku.

Rat in-nota tal-attur li permezz taghha talab il-hatra ta’ periti addizzjonali.

Rat id-domandi li ressqu l-partijiet ghall-eskussjoni tal-perit tekniku u r-risposti tal-perit tekniku.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-18 ta` Gunju 2009 fejn hatret lill-Perit Mario Cassar, lill-Perit Albert Fenech u lill-Perit Pierre Zammit bhala periti teknici addizzjonali.

Rat id-digriet taghha tad-19 ta` Jannar 2010 fejn laqghet it-talba tal-periti addizzjonali sabiex jinhatar `*quantity surveyor*` sabiex jerga` jitkejjel ix-xoghol kollu li kien esegwit mill-attur.
Rat ir-relazzjoni tal-periti addizzjonali.

Rat id-domandi bil-miktub li saru mill-attur lill-periti addizzjonali u r-risposti taghhom.

Semghet ix-xiehda in eskussjoni tal-periti addizzjonali fl-udjenza tat-30 ta` Ottubru 2012.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar mid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-5 ta` Marzu 2013.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

Ikkunsidrat :

## II. Provi

Fl-affidavit tieghu, **l-attur** xehed illi huwa kuntrattur tal-bini. Kien inkarigat mill-konvenut biex iwaqqa' bini ezistenti u minflok jibni villa fuq zewg sulari b`erbat ikmamar tas-sodda, basement u zewgt ibjar, swimming pool, penthouse kbira u washroom fuq il-bejt. Ghall-progett kellu mieghu minn tlieta sa erba' haddiema. Il-konvenut tah il-pjanta u x-xoghol beda fit-18 ta' Novembru 2002. Dam madwar tliet gimghat iwaqqa' s-sit. Sakemm tal-gaffa qatta' l-blat, huwa dawwar il-konfini tal-plot b' hajt tas-sejjieh. Dan il-hajt kien ta' madwar erba' filati kantun pedamenti u kien gholi tmien filati, b`wisgha li tvarja bejn zewg piedi u nofs u pied u nofs ; kien hemm fejn kien

anke dobblu. Kien hemm ukoll zewgt ikmamar antiki li baraxhom u gabhom fuq il-gebla.

Skond l-attur, ix-xoghol sar bi tbatija peress li kellu jgorr kollox bl-idejn billi ma kienx intlahaq ftehim bejn il-konvenuti u terzi biex ikun jista` jghaddi minn gor-raba` ta` haddiehor bl-ingenji tal-bini. Kellu jghaddi minn sqaq twil madwar 400 metru. Ix-xibka u l-hadid kellhom jintrefghu bl-idejn ghal tul ta` madwar 100 metru waqt li l-*bricks* ingarru go vann zghir. Kien idahhal minn 900 sa 1,300 *bricks* kuljum. Ghall-*bricks* kien igib '*high up'* u mbaghad il-haddiema tieghu u hu kienu jdahhluhom fuq l-idejn. Il-*bricks* kien jidhol ghal tul ta` 200 metru. It-trakk kien jithalla fi Triq l-Ghaxqet il-Ghajn u jingarr bid-*dumper*. Il-konkos kien jingieb fi trakk kbir. U kera ' *ready mix'* zghir ta' zewg jardi sabiex mit-trakk il-kbir jitferra` l-konkos ghal got-trakk iz-zghir li mbaghad imur ihott fis-sit. L-attur kien ihallas ghall-materjal.

L-attur xehed illi fit-3 ta` Marzu 2003, wara li tlesta t-tqattiegh tas-swimming pool, huwa tal-konkos. Bejn nofs Novembru 2002 u l-bidu ta` Marzu 2003, huwa hadem bla waqfien fit-twaqqiegh tal-fond ta` qabel u fil-bini tal-hajt tas-sejjieh. Huwa ghamel id-disinn tal-pool flimkien mal-konvenut li huwa perit.
Il-konvenut ried li huwa jkompli bix-xogholijiet u l-kejl tax-xoghol isir wara. L-attur insista li x-xoghol jitkejjel qabel jintradmu l-pedamenti. Il-konvenut accetta. Gara izda li l-attur inghata l-qisien minghajr rati. Il-qisien kellhom xi inezattezzi u l-attur gibed l-attenzjoni tal-konvenut dwarhom. Dawn l-inezattezzi kienu principalment illi l-hajt tal-pool u tal-basement kien dobblu u li l-konkos tal-qiegh tal-pool kien ta' 34 ½ jarda u mhux 33 ½ jarda. Minkejja li gibed l-attenzjoni tal-konvenut, dan baqa' jaghmel kalkoli fuq qisien inezatti. Huwa insista mal-konvenut sabiex isir ftehim dwar prezzijiet, izda ghal skuza jew ghal ohra, il-ftehim dwar ir-rati u l-prezzijiet baqa` ma sarx. Wara insistenza mill-attur, il-konvenut accetta li jsir ftehim dwar prezzijiet u kien iffissat dak li kellu jkun dovut lill-attur.

Billi, skond l-attur, il-kalkoli ma kinux jinkludu x-xogholijiet kollha, il-konvenut weghdu li se jaghmel il-verifiki tieghu.

L-attur xehed illi ghalkemm ix-xoghol tkejjel fil-5 ta' Awissu 2003 u fit-8 ta' Marzu 2004, il-konvenut hareg il-prezzijiet relattivi f' Settembru 2004. Il-konvenut ipprezentalu kont ta' Lm 35,000 meta l-attur kien ghad fadallu jaghmel zewg showers fil-gnien. Wara li l-attur ra l-kont huwa cempel lill-konvenut u qallu li l-kont kien zbaljat ghaliex l-ispejjez biss kienu diga` jammontaw ghal xi Lm 40,000. F`dak l-istadju, il-konvenut qallu biex ilesti z-zewg showers u wara kien ser ihallsu aktar. L-attur informa lill-konvenut illi ma kienx se jkompli bix-xoghol li kien fadal jekk ma kinux se jigu applikati r-rati li kienu ftehmu fuqhom. L-attur sostna li l-konvenut tah Lm 5,000 akkont u qallu biex ikompli bix-xoghol li kien ghad fadal. U l-attur hekk ghamel.

L-attur fisser illi wara li tlestew ix-xogholijiet, huwa nnota li l-konvenut ma kienx rega` kellmu. Ghalhekk mar ikellmu hu lill-konvenut. Dan irrifjuta li jaghtih aktar hlasijiet; anzi l-konvenut allega li l-attur kien thallas aktar milli kien dovut. Meta staqsa dwar il-hlas tal-VAT, il-konvenut qallu li ma kienx jimpurtah mill-VAT tieghu. Rinfaccjat b`dik l-imgieba tal-konvenut, l-attur kellem lill-Perit Philip Azzopardi. Dan tah ir-rati u l-prezzijiet u ghamel stima ta` dak li kien dovut lill-attur. Bhala kejl ta` xoghol, l-attur jghid illi ndika anqas milli kien ghamel fir-realta' ghamel, u dan biex ikun cert dwar il-kont. Skond il-Perit Azzopardi, ix-xoghol kien jammonta ghal Lm 61,852.72c filwaqt li x-xoghol zejjed kien jammonta ghal LM 5,598.78c. Dwar dan tal-ahhar, l-attur ippreciza li l-konvenut kien ordna affarijiet *extra*. Dan ix-xoghol sar kollu pero` ma kienx kompriz fil-kont li hejja l-konvenut. Sostna li kien nesa jghid lill-Perit Azzopardi b`dawk ix-xogholijiet. Huwa fil-fatt ftakar fix-xoghol *extra* meta kien qieghed ihejji l-affidavit tieghu. Huwa pprezenta lista ta` dawn ix-xogholijiet li b' kollox jammontaw ghal Lm 951.77c.

Fil-**kontro-ezami**, l-attur xehed illi qabel dik l-okkazjoni, huwa ma kienx qatt hadem ghall-konvenut – lanqas bhala perit. Huwa ma nkarigax kuntratturi ohra biex jaghmlu anke parti mill-appalt li kien inghata mill-konvenuti. Ikkonferma li biex bena huwa kien dahhal crane zghir. Huwa sostna li dejjem hallas il-haddiema tieghu. L-ahhar xoghol li ghamel ghall-konvenuti kienet il-kamra tal-gnien. Spicca x-xogholijiet ghall-ahhar ta' Awissu 2003. L-attur ezebixxa sett pjanti u spjega li dawk il-pjanti kien tahomlu l-konvenut ; in-notamenti li kien hemm fuqhom kienu tal-konvenut. In-notamenti kienu juru bidliet zghar li saru. Ipprezenta wkoll dokument b' rati ta' xoghol ta` bini fil-Gharghur fiz-zmien meta l-konvenut inkariga lilu bl-appalt mertu tal-kawza. Ipprezenta wkoll lista ta' rati ghal xoghol iehor li hejja l-Perit Philip Azzopardi.

Il-**Perit Philip Azzopardi** xehed illi kien avvicinah l-attur dwar kontijiet ta' xoghol li l-attur kien ghamel go fond fil-Gharghur. L-attur ipprezentalu pjanta u hadem fuq dak li pprovda l-attur. Dwar ir-rati kien inghata lista ta' prezzijiet u ghamel il-kalkoli tieghu skond dawk ir-rati. Huwa sostna li ma kienx jaf mnejn l-attur kien kiseb dawk ir-rati. Kompla jixhed illi l-kont tax-xoghol li hejja hu ma kienx jinkludi l-VAT. Il-kalkoli tieghu saru fuq prezzijiet korrenti tas-suq. Sa fejn jaf hu, ir-rati kienu dawk li ra fuq xi lista ta' prezzijiet moghtija lilu mill-attur jew dawk li qallu bihom l-attur bil-kelma. Ix-xhud ikkonferma li x-xogholijiet saru fi sqaq fejn il-materjal ma setax jidhol facilment bil-konsegwenza li jsir *double handling.*

Fil-**kontroezami** il-Perit Azzopardi kkonferma li huwa ma jafx x' inhi r-rata ta' bini ta' hajt tal-bricks tad-disa' pulzieri. Huwa spjega li normalment jimxi fuq ir-rati u indikazzjoni ta' prezzijiet. Dawn ikunu rati moghtija lilu minn kuntratturi. Huwa kkonferma li kultant, ikun hemm varjazzjoni fil-prezzijiet bejn kuntrattur u iehor li tiddependi mit-tip ta' xogholijiet, mil-livell, mill-post, kif ukoll mill-fatt

jekk ix-xoghol huwiex difficli jew normali. Huwa hareg il-kont tieghu fit-28 ta' Novembru 2004.

Ix-xhud qal illi l-attur tah aktar minn pjanta wahda. Ix-xoghol involut kien jinkludi li jsir bini go post qadim ezistenti u jizdied mieghu bini gdid. Ikkonferma illi huwa ma hax kejl fuq il-post izda hadem fuq pjanti li tah l-attur. Huwa qatt ma tkellem mal-konvenut dwar ir-rati. Sostna addirittura li lanqas biss kien jaf min hu l-konvenut. Dwar id-dettalji tax-xoghol, ix-xhud qaghad fuq dak li qallu l-attur. Dan kien ferm car fid-deskrizzjoni tieghu u meta kien hemm dubbju, l-attur qallu biex inaqqas mill-entita' tal-materjal. Dwar *double handling*, ix-xhud ikkonferma li huwa wkoll qaghad ukoll fuq li qallu l-attur. Ma jafx jekk l-attur kienx gab crane fuq is-sit, jekk fil-kont kienu nkluzi l-ispejjez tal-crane, ifisser li l-attur kien qallu li kien uza crane.

Il-**konvenut** cahad li kien debitur tal-attur. Skond il-konvenut, l-attur thallas tajjeb tax-xoghol li ghamel.

Il-konvenut kompla jixhed illi fl-2002 huwa kien joqghod go Sqaq San Gorg, il-Gharghur. F`Jannar 2002, ghamel konvenju biex jixtri post iehor warajh go Sqaq Charlotte. Ftit wara beda x-xoghol fuq is-sit fi Sqaq San Gorg li jigi b' appogg mad-dar il-gdida fi Sqaq Charlotte. Ghal din il-kostruzzjoni, il-bennej kien qed juza access mill-ghalqa ta' wara li kienet propjeta' tal-familja Fenech u Bezzina. Huwa mar ikellem lill-attur dwar ta' min hi dik l-ghalqa u l-attur wiegbu li kienet tal-familja tieghu. L-attur qal lill-konvenut biex ihallas kumpens ta` Lm 700 biex il-bennej ikun jista' jghaddi mill-ghalqa ta' wara. Il-konvenut fisser illi hu qal lill-attur li kellu interess li jinkariga lilu mill-bini jekk jirnexxielu jirranga ghall-access mill-ghalqa. Il-konvenut spjega li l-kuntratt tax-xiri tad-dar sar fit-28 ta' Ottubru 2002. Xi jumejn wara, cempel lill-attur biex jara kienx lahaq ftehim mas-sidien ta' l-ghalqa. L-attur hadu ghand is-sidien ta` l-ghalqa u sar ftehim fejn ihallas Lm

1,000 bhala kumpens. Huwa hallas dak l-ammont lill-attur.

Il-konvenut kompla jghid illi fis-16 ta' Novembru 2002 huwa kien ta karta vojta lill-attur bix-xoghol izda minghajr prezzijiet. Qal lill-attur li kien ser ihalli f`idejh fuq ir-rati. Ix-xoghol beda fit-18 ta' Novembru 2002 meta kuntrattur iehor beda jhammel u jiskava. L-attur kien jigi b' persuna wahda biss fuq il-lant tax-xoghol u minkejja li hu kien jitolbu biex izid in-nies, l-attur baqa` jigi dejjem b' persuna wahda. Il-persuni li kien igib mieghu kienu dejjem differenti. L-attur kien imur filghodu u kwazi jitlaq mill-ewwel. Darba minnhom cempillu gar ghax l-attur kien ghalaqlu tieqa. Huwa ta ordni lill-attur biex jerga` jiftah it-tieqa peress li huwa qatt ma kien ta struzzjonijiet li tinghalaq dik it-tieqa. Il-konvenut ilmenta li l-attur kien tella' hajt mal-appogg sabiex jaghlaq il-veduta li kellu tal-wied mit-tieni sular tad-dar tieghu. F`okkazjoni ohra gar iehor ilmenta mieghu li kien iddahhal crane u saret il-hsara. Meta ndaga mal-attur x`kien gara, l-attur qallu li ma kienx hemm ftehim biex jghaddi mill-ghalqa ta` wara ghalkemm hallas l-Lm 1000.

Il-konvenut kompla jixhed illi fit-28 ta` April 2003 hu u l-mara tieghu kienu ghamlu konvenju biex ibieghu d-dar l-antika u kellhom sa Frar 2004 biex johorgu. Minn nofs Lulju 2003 sa Settembru 2003, kienu biss ftit il-granet li fihom sar xoghol. L-attur kien telaq biex jaghmel xi xoghol ghal Paul Zammit. Il-konvenut spjega li huwa dejjem kejjel flimkien ma' l-attur. Huwa kien ippropona lill-attur biex waqt il-kejl ikun prezenti perit imqabbad mill-attur izda l-attur sostna li ma kienx hemm ghalfejn. F`Gunju 2004, id-dar kienet lesta mill-finishes. Rega` kellem lill-attur biex kif itella' l-kmamar fil-gnien, jaghtih Lm5,000 ohra. Il-kmamar inbnew sal-5 ta' Lulju 2004 u l-attur thallas dakinhar. Fil-5 ta` Lulju 2004, ix-xoghol kien lest kollu. Il-pool imtliet bl-ilma fis-7 ta' Lulju 2004. U l-konvenuti u l-familja dahlu jghixu fid-dar fit-28 ta' Lulju 2004.

Il-konvenut kompla jixhed illi f`Novembru 2004, kellmu l-attur biex jara kif ser jibqghu ghaliex ried aktar flus. Il-konvenut qal lill-attur li kien thallas tajjeb ta' xoghlu. In segwitu, l-attur mar l-ufficju tieghu u talbu jgholli r-rati. Wara l-attur gablu kont mahdum mill-Perit Azzopardi datat 11 ta' Jannar 2005. Il-konvenut xehed illi l-Perit Azzopardi qatt ma mar fuq il-post, ma jafx li ntuza crane, ma jafx li dahal mixer sa gewwa u lanqas ma kien jaf li l-kejl kien hazin fir-rigward tal-hxuna ta' konkos madwar il-pool u fis-soqfa.

Il-konvenut kiseb ir-rati li kienu ntuzaw fix-xoghol li l-attur ghamel ghal Paul Zammit. X`hin ghamel ezami komparattiv, sab illi r-rati tieghu kienu simili ghal dawk tax-xoghol li sar ghal Paul Zammit. Mhuwiex minnu li s-sidien tar-raba' ta' wara ma kinux hadu pjacir bih. Fil-fatt kellem lil wiehed mis-sidien u nnega li ma kienx ha pjacir bih. Is-sidien ta` l-ghalqa qalulu li ma kienux jafu bl-offerta ta` Lm 1000 bhala kumpens. Bejn Lulju 2004 u Novembru 2004, huwa tkellem ma' l-attur darba wahda biss li kien f`Novembru 2004 meta cempillu l-attur.

Fil-**<u>kontro-ezami</u>** il-konvenut kien mistoqsi x' kien hemm fid-dar meta nxtrat u qal illi kien hemm xi kmamar isfel u fuq. Twaqqghu whud mill-kmamar. Kien hemm bitha fin-nofs u ghalqa fuq wara. Ried jirrinova d-dar, billi jaghmel alterazzjonijiet u estensjonijiet, inkluz il-bini ta' swimming pool u thaffir ta' basement. Id-dar kienet ser tintuza bhala r-residenza tieghu. Huwa kien ra xoghol ta' l-attur qabel u kien jidher li huwa passabbli. Qabel tkellem aktar mal-attur, huwa talab stimi minghand zewg kuntratturi ohra. Huwa kien talab ir-rati lill-attur meta mar id-dar tieghu ; infatti kien tah karta b' lista sabiex l-attur jindika r-rati tieghu. L-istess kien ghamel ma` Patrick Hili, wiehed miz-zewg kuntratturi l-ohra. Mistoqsi ghalfejn huwa ma talabx lill-attur ir-rati tieghu bil-miktub, il-konvenut spjega li huwa kien talabhom, izda l-attur kien qallu li ser ihalli f' idejh. Id-differenza bejn ir-rati ta' l-attur u tal-kuntratturi l-ohra kienet illi l-attur kellu access ghal

proprjeta’ minn naha ta’ wara ; dak kien fattur importanti hafna ghaliex ix-xoghol inghata lill-attur mhux lil haddiehor. Il-konvenut sostna li meta ra lill-attur jahdem ghand Paul Zammit, ma kienx wahdu izda ma setax jiftakar kemm kellu nies mieghu. Wiehed mill-haddiema li kien mar jahdem ghand il-konvenut kien Karmenu Mallia. Il-konvenut ikkonferma li l-attur kien qallu li l-ewwel ried jispicca x-xoghol ta’ Paul Zammit u mbaghad jibda jahdem fuq is-sit tieghu.

Il-konvenut kompla jixhed illi l-attur kien beda jahdem kif jidher fil-log li kien esebit. L-attur kellu jhott xi kmamar u jhalli l-gebel fil-post. Bl-istess gebel, l-attur kellu mbaghad jibni il-boundary wall ta’ madwar il-gnien. Dak il-hajt kien in parti singlu u in parti dobblu. Il-konvenut xehed illi huwa ma kienx jaf ta’ min kienet l-ghalqa li setghet isservi bhala access alternattiv. Huwa sar jaf wara li s-sidien kienu familjari ta’ l-attur Ma kienx jaf li parti mill-ghalqa kienet qeghda tinhadem mill-kugini ta’ l-attur. Huwa kkonferma li l-attur kien accertah illi kien ser jirranga u li meta tkellem maz-zija ta’ l-attur u ma’ certu Salvu, dawn kienu infurmawh li seta` juza l-ghalqa wara x-xitwa. Huwa kien feda lill-attur u kien biss wara li sar jaf illi l-attur ipprova jiehu vantagg. L-access mill-ghalqa kien ikun ta’ beneficcju kemm ghall-attur kif ukoll ghall-girien. Huwa kien kuntent illi jsir uzu ta` l-ghalqa wara Frar 2003 tant li mhux biss accetta li jhallas Lm 1,000 lis-sidien izda ta l-flus lill-attur biex ihallas lill-familjari tieghu. Ta l-flus lill-attur peress li l-kuntatt mal-familjari tieghu sar tramite l-attur. Hareg l-Lm 1,000 permezz ta’ cheque f`isem l-attur. Innega li dawk l-Lm 1000 kienu hlas akkont tax-xoghol li kien qed jaghmel l-attur.

Mistoqsi dwar notament bid-data 24 ta’ Frar 2003 li jghid ‘*Pacikk to offer Lm 1,000 for access’*, il-konvenut sostna li dak in-notament sar peress li dakinhar kien fakkar lill-attur biex ihallas lis-sidien. Sostna li kull darba li l-attur talbu hlas akkont, huwa dejjem hallsu. Huwa kellem lil Paul Zammit wara li kienet diga` saret il-kawza meta talbu dettalji dwar ir-rati. Fil-fatt Paul Zammit ma

seta` jiftakar xejn dwar rati u prezzijiet u accetta li l-konvenut jikseb dak it-taghrif minghand il-perit tieghu Aaron Abela. Huwa ma kienx jaf kemm hallas Paul Zammit sabiex nghata l-access mir-raba` ta` wara izda skond Salvu Fenech, Paul Zammit kien hallas Lm 200. Ikkonferma li huwa ghazel lill-attur biex ikun il-bennej billi kien ser jirranga dwar l-access mill-ghalqa ta` wara.

Il-konvenut xehed illi huwa hallas lill-attur is-somma ta` Lm 40,085 inkluzi l-Lm 1,000 li kienu intizi bhala kumpens ghall-access. Huwa sar jaf li l-attur ma kienx ftiehem dwar l-access meta l-attur gab il-krejn fuq is-sit. L-Lm 1,000 qatt ma kienu ntizi bhala parti mill-prezz tax-xoghol tal-attur. Ikkonferma li x-xoghol dahal u hareg minn go l-isqaq, li huwa twil madwar tmenin (80) metru. Min gab ix-xibka dahal sa nofs it-tul ta` l-isqaq. Tal-bricks dahal sa gewwa bit-trakk imbaghad kienu jiddahhlu gewwa bil-high up. Ma setax jghid kemm saru vjaggi bit-trakk. L-akbar inkonvenjent kien ghas-sewwieqa tat-trakkijiet billi kellhom jidhlu b' lura go sqaq dejjaq.

Il-konvenut ikkonferma li huwa ra haddiema jaqtghu gonot, inizzlu l-bricks, ihaffru l-pedamenti, inaddfu l-kmamar antiki u jaghtu l-konkos lill-hajt tal-gebel. Dwar l-iskeda li pprezenta, ippreciza li kien hemm granet meta kien ikun hemm iktar minn tnejn min-nies jahdmu fuq is-sit. Huwa kien imur fuq il-post kmieni filghodu ghal habta tat-8.00 a.m. darbtejn jew tliet darbiet fil-gimgha. L-attur kien ikun hemm. L-attur kien solitament jitlaq fis-2.00 p.m. Fil-Milied tal-2002, l-attur ma kienx hadem il-gimgha kollha. Hadem pero` fit-13 ta` Dicembru ta` dik is-sena. Cahad illi kien hu illi ta struzzjonijiet lill-attur biex jaghlaq it-tieqa tal-gar. L-attur tella` l-hajt tal-appogg minn mal-kugini tal-attur sa tmien filati minghajr ma' talbu.

Il-konvenut ikkonferma li l-*log of works* li pprezenta hija preciza. Kien jaghmel il-*log* kuljum. L-ammont ta' xoghol li kien jara fuq il-post kien jaqbel man-numru ta' nies li kien hemm fuq il-post. Ikkonferma illi f`Lulju 2003

huwa cempel lill-attur diversi drabi billi l-attur ghamel gimghat ma jmur fuq is-sit. Il-konvenut cahad illi kien kuntent li l-attur dahhal krejn ; anzi ghal kuntrarju, sostna li meta dahal il-krejn, tkissru xi sollijiet tat-twieqi tal-gar li l-attur kien weghdu li ser isewwi u li baqa` ma sewwa qatt.

Skond il-konvenut, ix-xoghol kien idum aktar li kieku sar minghajr il-krejn. Huwa ma ta l-ebda ordni biex jitnehha l-krejn. Ma kienx minnu illi huwa qal lill-attur biex ma jsewwix fil-pront is-sollijiet tat-twieqi tal-gar. Ma jafx min kien kisser is-sollijiet billi ma kienx prezenti, izda kkonferma li l-attur ordna l-krejn. Cahad illi l-attur telaq f` Gunju 2004 ghax inqala’ inkwiet fuq hlas. Insista li kull darba li kien mitlub ihallas, huwa dejjem hallas. Mhux minnu li l-konvenut evita lill-attur partikolarment f` Novembru 2003. Ghal kuntrarju, skond il-konvenut, f`dak ix-xahar, huwa kejjel garaxx fin-Naxxar b`inkariku tal-attur u pprepara pjanta.

Sostna l-konvenut illi fil-bidu ta` Lulju 2004, ix-xoghol kien kollu lest. Kien icempel lill-attur biex izid in-nies fuq il-lant tax-xoghol u kien jindaga mal-attur dwar il-progress ta’ xoghol. Cahad illi huwa cempel lill-attur biex juri l-post lil xi nies. Innega wkoll li kellu problemi ma’ l-Enemalta. Accetta illi minn *single phase* ezistenti, huwa kien gab *three phase*. L-uniku diffikulta` mal-Enemalta kienet illi kellhom jghattu l-wires biex jilhqu bil-high up.

Il-konvenut ikkonferma li l-attur kien gibed l-attenzjoni tieghu illi kien hemm xi qisien li kienu hziena u cioe’ fir-rigward tal-volum tal-konkos tal-qiegh tal-pool. Dwar il-hitan tal-basement u tal-pool, il-kejl sar kollu fil-presenza ta’ l-attur. Huwa qatt ma kien nfurmat li kien hemm xi inezattezzi fil-qisien tal-hitan. Il-konkos tkejjel ukoll fuq il-post.

Il-konvenut spjega li f` Gunju 2004, huwa kien hareg kont fl-ammont ta` madwar Lm 35,000. Talab lill-attur

ilestilu l-kmamar tal-gnien.  U ta lill-attur Lm 5,000 ohra f' Lulju 2004.  Isostni li huwa rcieva ammont ta' ricevuti f` daqqa f` Jannar 2005.

Dwar Dok F, il-konvenut fisser illi r-rati hemm indikati ma kienux rati illi kienu miftehma mal-attur imma kienu rati, li xhur wara li tlesta u thallas ix-xoghol, l-attur ried aktar flus abbazi taghhom.  Dwar l-istess dokument, il-konvenut irrimarka illi la kien ittimbrat u lanqas iffirmat. Ikkonferma li kien hemm items li kien ordna hu u li kienu nkluzi fil-konteggi.  Fil-fatt huwa spicca hallas lill-attur madwar Lm 4,000 aktar fuq ix-xoghol imkejjel.  Il-konvenut sostna illi normalemnt ix-xibka C 503 tkun seba' piedi wiesgha u tul skond kemm ikun hemm bzonn.  Dik it-tip ta` xibka ghaddiet mill-isqaq, iddahhlet bil-vann sal-fetha fl-isqaq qisu nofs triq 'l isfel u mbaghad ingarret fuq l-idejn. Ix-xibka biss kellha tingarr fuq l-idejn peress li l-materjal hlief ghal xi vireg baqa' diehel sa gewwa nett.  Il-konvenut ikkonferma li x-xoghol tal-attur kien skond is-sengha u l-arti.

**<u>Il-konvenuta</u>** xehdet illi wara li ffirmaw il-konvenju ghax-xiri tal-post ta`  Sqaq Charlotte, il-hsieb principali li kellhom dwar il-bini kien l-access.  Zewgha l-konvenut kien iqabbad normalment lill-bennej Patrick Hili.  Gara li Paul Zammit kien qabbad bennej iehor u cioe` l-attur li kien irranga ghal access minn wara d-dar il-gdida tieghu biex ihaffef ix-xoghol, bhal li jdahhal krejn minn hemm, u ma johloqx inkonvenjent lill-girien.  Il-konvenut kellem lill-attur u dan weghdu li kien certament sejjer jirranga dwar l-access, anke ghaliex huwa kien jigi mis-sidien ta' dik ir-raba' minn fejn kien gab l-access ghas-sit ta` Paul Zammit.  F`Ottubru jew Novembru 2002, il-konvenut stieden lill-attur biex imur id-dar taghhom u wara dik il-laqgha, zewgha qalilha li kien ta lista ta` prezzijiet biex jimlihom l-attur.  L-attur kien qal lil zewgha li Paul Zammit kien hallas Lm 700 lis-sidien ta' l-ghalqa.  Ghalhekk zewgha ppropona li jhallas Lm 500 ghall- uzu ta' l-ghalqa. Ftit zmien wara, zewgha cempel lill-attur biex jara jekk kienx kellem lis-sidien izda dan qal li ma kienx ghadu mar

ikellimhom. Ftehmu li jmorru flimkien. Fil-31 ta' Ottubru 2002, zewgha u l-attur kienu marru jkellmu liz-zija ta' l-attur dwar l-access. Iz-zija tal-attur kienet wahda mis-sidien. Fil-laqgha, iz-zija tal-attur accettat li l-ghalqa tintuza ghall-access wara Marzu 2003. Dak il-hin, il-konvenut weghedha kumpens izda ma semma l-ebda ammont. Billi ntlahaq ftehim, huma taw l-appalt lill-attur u accettaw li jhallsu Lm 1,000 lis-sidien tal-ghalqa. Zewgha kien diga` qabbad lil haddiehor biex jaghmel it-thammil u l-iskavar. L-attur beda x-xoghol lejn l-ahhar ta` Novembru 2002 u kellu jlesti fi zmien sena sabiex fil-frattemp huma jippruvaw ibieghu d-dar l-ohra billi jaghmlu konvenju twil u b`hekk jevitaw il-kiri ta` post iehor. Id-dar l-ohra kienet tinsab vicin il-gdida u hi kienet tara ix-xoghol isir. L-attur qatt ma kellu l-istess nies jahdmu mieghu. L-aktar li kien ikollu kienu zewg haddiema, u ghall-parti l-kbira tax-xoghol, kien ikollu mieghu bniedem wiehed biss.

Il-konvenuta kompliet tixhed illi meta wasal Marzu u hi u zewgha kienu qed jistennew li l-attur jibda juza l-access mill-ghalqa, mar wiehed ghandhom u lmenta li dahal krejn fl-isqaq u kisser is-sollijiet tat-twieqi tal-post tieghu. Meta zewgha kellem lill-attur, dan qallu li s-sidien tal-ghalqa ma kinux accettaw l-Lm 1,000 bhala kumpens ghall-uzu tal-ghalqa. Ix-xoghol beda jaqa` lura. Zewgha kien imur kuljum fuq il-post izda l-attur kien jitlaq kmieni wara nofsinhar, u filghaxija qatt ma kien ikun hemm. L-ahjar haddiem li kellu l-attur kien certu Karmenu li telaq wara xi zmien. Matul is-sajf tal-2003, l-attur ghamel zmien twil ma jmurx fuq il-post. L-attur qatt ma mar is-sibtijiet. Meta huma talbu lil certu Wenzu l-ahhar mill-haddiema li kellu l-attur biex jidhol nhar ta` Sibt biex inaddaf is-sit, l-attur spicca kecca lil dan Wenzu. Billi l-attur ma lestiex saz-zmien li kien miftiehem, huma kellhom jikru fejn joqghodu fi Frar 2004. Hija cahdet li l-attur kien icemplihom ghall-flus. Ghal kuntrarju, kienu huma li kienu jcemplu lill-attur biex ifittex ilesti il-faccata u l-kmamar tal-gnien.

Il-konvenuta sostniet li qabel ma beda x-xoghol, huma taw Lm 1,000 lill-attur biex jikkonsenjaha lis-sidien ta' l-ghalqa. Il-kmamar tal-gnien tlestew fil-5 ta' Lulju 2004. Dakinhar l-attur thallas Lm 5,000. L-ewwel darba li semghet li l-attur ma kienx sodisfatt bil-flus li kien thallas kien xhur wara li tlesta x-xoghol kollu u cioe` ghal habta ta' Novembru 2004. Mill-bidu nett, zewgha kien jghid lill-attur biex igib il-perit fuq is-sit biex ikejjlu flimkien. L-attur baqa` ma tahomx lura l-Lm 1000 li kienu tawh biex ihallas lis-sidien tal-ghalqa.

Fil-**kontroezami**, il-konvenuta stqarret illi gieli kienet prezenti meta ltaqghu zewgha u l-attur izda ma tafx id-diskors li sar bejniethom. Ma kelliex l-impressjoni li l-attur kien jahdem l-ghalqa li kellha sservi bhala access. L-attur ma kienx infurmahom illi ma kienx irranga dwar l-access. Zewgha qalilha li l-attur ried aktar flus f`Novembru 2004. Huma ma setghux jidhlu fil-post qabel ma jitlesta x-xoghol tal-kmamar fil-gnien billi ma setghux jimlew il-pool bl-ilma u kwindi kien hemm perikolu ghat-tfal. Zewgha kien qed jigri wara l-attur biex ilestilu l-ahhar xoghol u jhallsu l-ahhar pagament. Wara li saret il-kawza, zewgha baghat il-kont lill-attur ghall-pjanta li kien ghamillu ta` garage fin-Naxxar.

**Saviour Fenech** xehed illi huwa qatt ma ghadda kummenti lill-attur jew lil haddiehor fis-sens li ma kellux pjacir bil-konvenut jew li ma riedx ikollu x' jaqsam mieghu. Iddikjara li l-attur qatt ma offra lilu jew lil xi hadd iehor tal-familja Lm 1,000 jew xi somma ohra sabiex il-konvenut ikollhom access mill-ghalqa. Huma kienu qalu lill-konvenut illi seta` jaghmel uzu tal-ghalqa wara x-xitwa. Ikkonferma li l-attur tah Lm 200 bhala kumpens ghall-uzu tal-ghalqa li ghamel Paul Zammit meta bena.

Fil-**kontroezami**, ix-xhud qal li l-ghalqa kienet ta` omm l-attur, taz-zija tieghu Rita Cuschieri u ta' ommu Maria Fenech. L-ghalqa jahdimha hu, inkluza dik il-parti li tmiss mal-proprjeta' tal-konvenuti. Ikkonferma illi huwa

kien qal lill-konvenut li huwa qatt ma qal lil hadd li ma kellux pjacir bil-konvenut. Meta l-attur kien qed jahdem ghal Paul Zammit, huwa kien kellem lil ommu u lilu tah Lm 200. Zammit kien ftiehem ukoll ma' ta' Gamri izda ma jaf xejn dwar flus. Ghalkemm kien avvicinat mill-attur dwar il-konvenuti, u kienet avvicinata ommu wkoll, baqghu ma hadux flus. Il-konvenut ma thalliex jghaddi mir-raba` matul ix-xitwa ghax kienet gia' mahduma. Huwa qatt ma kkunsidra li jhallu lill-konvenuti jghaddu fix-xitwa bi hlas ta' flus.

**Maria Fenech** xehdet illi l-attur jigi t-tifel ta` ohtha. Ikkonferma li ghandha ghalqa li tmiss mad-dar taghha u li jahdmuha wliedha. Tiftakar li ltaqghet ma' l-attur u mal-konvenut, u spjegatilhom dakinhar li ma setghux jghaddu mill-ghalqa fix-xitwa minhabba l-ilma u l-hamrija. Dakinhar ma sarx kliem dwar hlasijiet. Qabel ma kellimha l-konvenut, kien ghadda haddiehor mill-ghalqa matul is-sajf. Uliedha kienu ftehmu ma` din il-persuna dwar il-hlas ghall-uzu ta` l-ghalqa. Fil-**kontroezami**, ipprecizat illi ma tatx permess lill-konvenut minhabba l-ilma u l-hamrija. Meta tkellmet ma' l-attur u mal-konvenut, kienu huma biss.

**Ikkunsidrat :**

**III. L-ewwel eccezzjoni**

Il-konvenuti qeghdin jeccepixxu l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici skond l-**Art 2148(a) tal-Kap 16** li jaqra hekk –

*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar :*

*(a) l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara u ta' persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-*

*prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu ;*

Fis-sentenza moghtija mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar (**MS**) fl-1 ta` Lulju 2011 fil-kawza "**Salvu Attard vs Mark Meilak et**" sar ezami akkurat ta` kif l-Art 2148(a) tal-Kap 16 huwa distint mill-Art 2149(a) tal-Kap 16. F`dik il-kawza (bhal fil-kaz tal-lum) saret talba ghal hlas ghal xoghol ta` bini li ghamel l-attur fil-propjeta` tal-konvenuti u dawn taw l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art 2148(a).

It-Tribunal qal hekk –

"*Fil-fehma ta' dan it-Tribunal l-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili ma jghoddx ghall-kaz fejn il-kreditur ikun imprenditur bhal ma hu l-attur, hekk li l-prestazzjonijiet tieghu jkunu atti tal-kummerc. Dan qalitu l-Qorti ta' l-Appell, Sede Inferjuri, f'sentenza moghtija fit-18 ta' Mejju 1929, fil-kawza fl-ismijiet :* ***Tommaso Pace nomine versus Salvatore Muscat*** *[Kollez. Vol. XXVII.i.1013] : '…. …. ….la disposizione dell'articolo 1912 dell'Ordinanza No. VII del 1868 (illum art. 2148 tal-Kodici Civili), secondo la quale si prescrivono col decorso di diciotto mesi le azioni dei sarti, calzolai, falegnami ed altre persone esercenti mestieri ed arti mecchaniche per prezzo delle loro opere, dei loro lavori e delle cose che somministrano, non e' applicabile a coloro che esercitano una impresa per il loro credito per le opere da loro eseguite e pei materiali da loro forniti …. ….. …. poiche' la disposizione dell'articolo 1912 si riferisce a crediti di artefici che prestano la loro opera (opera)… …. …..' ;*

*L-istess qalet il-Qorti tal-Kummerc f'sentenza moghtija fl-14 ta' Ottubru 1954, fil-kawza fl-ismijiet :* ***Joseph Mizzi noe versus Joseph Delicata pro et noe*** *[Kollez.Vol.XXXVIII.iii.710] : '…. ….. ….. skond l-art. 2253(a) (illum art. 2148(a)) tal-Kodici Civili, jaqghu bil-preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax -il xahar "l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada,*

*haddieda, argentieri, arluggara u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu" ; …. ….. …. id- dispozizzjoni tal-ligi kontenuta fl-ittra (a) ta' l-imsemmi artikolu tal-Kodici Civili tirreferixxi ruhha ghal lokazzjoni ta' opera, li biha l-persuni fuq enumerati jkunu obbligaw ruhhom li jaghtu x-xoghol taghhom, u mhux ghal-locatio operis li biha l-imprenditur jobbliga ruhu li jaghti, mhux ix- xoghol, imma l-prodott tax-xoghol – meta l-lokazzjoni d'opera tkun konnessa ma' organizazzjoni ta' mezzi teknici li timprimi lill-lokazzjoni l-karattru ta' att oggettivament kummercjali.' ;*

*L-Artikolu 2148(a) jirreferixxi ghalhekk ghall-krediti tal-artefici li jipprestaw l-opera taghhom u mhux appaltatur ta' l-opra li ghaliha l-materjali jkunu servew* ***(Kollez. Vol XLI.i.347****) filwaqt li l-preskrizzjoni kontemplata fl-artikolu 2149(a) tirreferixxi ghall-krediti ta' dawk li fihom ikun prevalenti l-karattru ta' spekulaturi, u li, aktar minn opra, jipprestaw xoghol – 'opus' 'minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xoghlijiet u minghajr qies tal-importanza tas-somministrazzjonijiet.' -* ***Kollez. Vol XLII.iii.1151****;* ***'Joseph Grech –vs- Emanuela Camilleri e****t', Appell Kummercjali, 21 ta' Marzu 1977;* ***'Gio Maria Camilleri –vs- John Licari e****t', Appell Kummercjali, 16 ta' Ottubru 1972;* ***'Francis Bugeja nomine –vs- Indri Mercieca****', Appell, 29 ta' Mejju 2000. Dawn is-sentenzi kollha ghamlu d-distinzjoni bejn id-dispost tal-ligi hawn ezaminat (Art2148 (a)) u l-art. 2149(a) li mieghu ghandu certu affinita'."*

Fis-sentenza taghha tat-28 ta` Novembru 2012 fil-kawza "**Christian Xerri vs Paul Caruana**", il-Qorti tal-Appell (**RCP**) qalet hekk **–**

*"Dwar il-preskrizzjoni imressqa, cioe' dik ai termini ta' l-Artikolu 2148 (a) tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta, fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fit-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u erba (2004) fil-kawza fl-ismijet* ***Langdale Limited et vs John David Limited*** *inghad :-*

*'Kif spjegat mill-Qorti tal-Kummerc, fis-sentenza riportata a* ***Vol. XLII P III p.1151,*** *il-preskrizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2148 (a) tapplika ghal krediti ta' artifici li jipprestaw l-opra taghhom filwaqt li fil-kaz ta' l-Artikolu 2149 (a) il- preskrizzjoni tirriferixxi ghall-krediti ta' dawk li fihom ikun prevalenti l-karattru ta' spekulaturi, u li aktar minn opra, jipprestaw xoghol – opus - minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xoghlijiet u minghajr qies ta' l-importanza tas-somministrazzjonijiet ;*

*Din l-ahhar dispozizzjoni – Artikolu 2149 (a) – tiddistingwi ruhha mbaghad mill-Artikolu 2148 (a) fis-sens li dik il-preskrizzjoni mhix applikabbli ghall-kaz ta' semplici fornitura ta' materjal minn min ma jkunx ukoll l-appaltatur ta' l-opra li ghaliha l-materjali jkunu servew. Ara f'dan is-sens "****Lawrence Formosa et –vs- Anthony Borg proprio et nomine",*** *Appell 27 ta' Jannar 1997 ;*

*Forsi d-decizjoni li l-aktar hi attinenti ghall-kaz in ispecje hija dik riportata a* ***Vol.XXXVIII P III p 710.*** *Fiha infatti ntqal dan :-*

*"Il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar li tolqot l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapan, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentiera, arluggara u persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri taghhom jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjali li jfornu, tirriferixxi ghal-lokazzjoni ta' opera li biha dawk il-persuni jkunu obbligaw ruhhom li jaghtu x-xoghol taghhom, u mhux ghal-locatio operis li ha l-imprenditur jobbliga ruhu li jaghti, mhux ix-xoghol, izda l-prodott tax-xoghol meta l-lokazzjoni d'opera tkun konnessa ma' organizzazzjoni ta' mezzi teknici li timprimi lil-lokazzjoni l-karattru ta' att oggettivament kummercjali."*

*Insenjament iehor utli dwar l-istess kap ta' preskrizzjoni, moghti mill-istess Qorti ta' l-Appell Inferjuri huwa dak fis-sentenza* ***Manny Camilleri vs Ian Schembri*** *deciza fis- sittax (16) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) fejn gie ribadit :*

*“Fil-kawza fl-ismijiet **“Tommaso Pace noe –vs- Salvatore Muscat”** il-Qorti ta’ l-Appell, Sede Inferjuri, 18 ta’ Mejju 1929 gie rilevat illi d-disposizzjoni ta’ l-Art 1912 (illum 2148 (a) ta’ l-Ordinanza VII tal-1868 “non e’ applicabile a coloro che esercitano una impresa per il loro credito per le opera da loro eseguite e pei materiali da loro forniti .” Dak l-artikolu jirreferixxi ghalhekk ghall-krediti ta’ artefici li jipprestaw l-opera taghhom u mhux appaltatur ta’ l-opra li ghaliha l-materjali jkunu servew (**Vol. XL.I pl. p347)**. F’dan il-kaz aktar minn opra hemm mill-prestazzjoni ta` l-“opus” minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax- xoghljiet u minghajr qies tal-importanza tas- somministrazzjonijiet”. ....*

*Fuq l-istess linji huma sentenzi ohra bhal **Borg vs Testaferrata Bonnici** deciza fl-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Marzu ta’ l-elf disgha mija tmienja u hamsin (1958) fil-Qorti ta’ l-Appell (Vol XLII, Prt. 1, Pg. 153) u **Emanuel Calleja vs Anthony Portelli nomine** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Novembru ta’ l- elf disgha mija wiehed u sebghin (1971) (mhix pubblikata). Similment gie deciz fil-kawza **Mizzi nomine vs Delicata proprio et nomine** deciza fl-erbatax (14) ta’ Ottubru ta’ l-elf disgha mija erba` u hamsin (1954) (Vol. XXXVIII, III, Pg. 710) u Appelli Civili **Muscat vs Tabone** deciza fit-tmintax (18) ta’ Frar ta’ l-elf disgha mija tlieta u sittin (1963) (Vol. XLVII, I, Pg.102) kif ukoll fis-sentenza **Dr. Giovanni Bonello nomine vs AIC Joseph Xuereb et nomine** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-dsatax (19) ta’ Novembru tas-sena elf dsigha mija erba u sebghin (1974) (mhix pubblikata) u fid-decizjoni moghtija wkoll mill-Qorti ta’ l-Appell fil-hamsa (5) ta’ Ottubru ta’ l-elfejn u wiehed (2001) fl-ismijiet **Paul Formosa vs Salvu Debono.**”*

(ara wkoll “**Noel Sultana vs Andrew Mercieca**” deciza mill-Qorti tal-Appell (**RCP**) fid-19 ta' Ottubru 2011).

Fis-sentenza taghha tat-18 ta` Frar 2013 fil-kawza “**Heathcliff Cilia vs Martin Farrugia**” il-Qorti tal-Magistrati (Malta) [**GABV**] qalet hekk b`riferenza ghall-Art 2148(a) u l-Art 2149(a) tal-Kap 16 –

*"Dawn iz-zewg artikoli ghandhom certa affinità. Effettivament, il-fatti tal-kaz jindikaw li l-preskrizzjoni hi aktar wahda li tapplika skont l-artikolu 2149(a) tal-Kap.16 billi jirrizulta li l-attur hu kuntrattur tal-gebel, milli skont l-artikolu 2148(a) tal-Kap.16. L-artikolu 2148(a) tal-Kap.16 aktar jirreferi ghall-krediti ta' artefici li jipprestaw l-opra taghhom …*

*Illi bid-dovut rispett, l-esponent jissottometti illi l-Artikolu 2148(a) huwa inapplikabbli u dan stante li l-attur ma jiggestixxi l-ebda attività kif elenkata fl- istess Artikolu. Dan l-Artikolu jirreferixxi ghalhekk ghall-krediti ta' artefici li jipprestaw l-opera taghhom u mhux appaltatur ta' l-opra li ghaliha l-materjali jkunu servew. F'dan il-kaz aktar minn opra hemm il-prestazzjoni ta' l-'opus' 'minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax- xoghlijiet u minghajr qies ta' l-importanza tas- somministrazzjonijiet".*

*Illi fid-dawl ta' dan, l-artikolu 2148(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u per konsegwenza l-perijodu ta' tmintax-il xahar ma jistax jigi applikat fil-kaz odjern.*

*Illi fin-nota tieghu, il-konvenut jissottometti ukoll li l-azzjoni hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili ...*

*Illi jigi sottomess illi l-artikolu 2149(a) ukoll ma japplikax ghall-kaz de quo peress li l-attur la huwa kuntrattur u mhux qed jitlob xi prezz ta' bini jew xoghlijiet ohra ta' injam, jew ta' gebel jew materjal iehor uzat f'xi opri mahdumin minnu. Illi dan il-kaz huwa kaz ta' kreditu ghall-bilanc ta' prezz ta' materjal fornit lill-konvenut. Bhala tali din il-preskrizzjoni ta' sentejn ma hiex applikabbli ghall-kaz de quo. L-istess principju gie enuncjat fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Civili fl-ismijiet* ***Gaetano Abdilla u Pawlu Falzon pro et noe vs Sebastian Dalli pro et noe****, fejn il-fatti ta' dak il-kaz huma analogi ghall-fatti tal-kaz in dizamina. Illi fil-kaz appena citat kien qieghed isir negozju bejn zewg socjetajiet fejn wahda minnhom timmanifattura z-zrar u l-ohra li tixtri dan il-prodott fi kwantitajiet konsiderevoli ghal htigijiet taghha fil-*

*preparazzjoni u bejgh tal-concrete. Fil-kaz in ezami, l-attur kien jissupplixxi l-gebel lill-konvenut sabiex dan juzah fil-bini ta' proprjetà ta' terzi persuni. Illi a skans ta'ripetizzjoni, l-attur ma hux kuntrattur imma huwa kummercjant u hija f'din il-mansjoni li l-attur kien jissupplixxi lill-konvenut, li da parte tieghu, kien jixtri u jakkwista l-gebel sabiex jizviluppa l-proprjetà ta' terzi. Illi l-konvenut ma kienx jixtri dan il-gebel minghand l-attur ghalih personali. U din hija raguni ohra li teskludi l-applikabilità ta' dan l-artikolu u per konsegwenza tal-preskrizzjoni biennali ."*

Ghar-rigward tal-kaz tal-lum, din il-Qorti hija tal-fehma illi mill-provi jemergi car illi l-azzjoni attrici hi prettament naxxenti u bbazata fuq kuntratt ta' appalt li jinkwadra ruhu - ghal dik li hija preskrizzjoni – fil-kuntest tal-Art 2149(a) tal-Kap 16 u mhux taht l-Art 2148(a) tal-Kap 16. Ghax kif inghad ghalkemm hemm affinita' bejn dawn iz-zewg disposizzjonijiet tal-ligi, huma pero' distinti minn xulxin. L-Art 2149(a) jipprovdi li l-azzjonijiet tal-kuntratturi ta' bini jew ta' xogholijiet ohra ta' njam, jew materjal iehor ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjal li jfornu jaqghu bil-preskrizzjoni tas- sentejn. Hafna jiddependi hafna mill-agir u l-intenzjoni tal-partijiet; ghax jekk l-intenzjoni kienet wahda *di dare* allura l-kuntratt jitqies bhala bejgh waqt li jekk l-intenzjoni kienet *di fare* allura japplikaw il-principji ta' l-appalt [Qorti tal-Kummerc – "**George Camilleri vs Joseph Mamo noe"** – 28 ta` Awissu 1951 **–** Kollez. Vol. XXV.III.639 **u "George Vassallo vs Lawrence Fenech et noe" –** 26 ta` April 1988 ; Appell Inferjuri – "**Frederick Micallef noe et vs May Sullivan"** – 22 ta` Novembru 2002]. Huwa bizzejjed li wiehed iqis in-natura tax-xogholijiet li saru mill-attur li mhux kienu jinvolvu l-bini, izda anke t-tindif u l-provvista tal-materjal u l-armar.

Ghal din il-Qorti tkun ghal kollox inutili kull indagini min-naha taghha biex tara jekk l-azzjoni attrici setghetx kienet kolpita bil-preskrizzjoni tas-sentejn skond l-art 2149(a) la darba l-preskrizzjoni skond din id-disposizzjoni

ma kienitx invokata mill-konvenuti. Fil-kaz tal-lum, il-konvenuti ma ssolleva l-ebda eccezzjoni ohra ta' preskrizzjoni u kwindi l-Qorti ma tistax tikkonsidra jew tapplika preskrizzjoni ma tistax tapplika terminu iehor ta' preskrizzjoni. Fis-sentenza taghha tas-26 ta` Gunju 2003 fil-kawza "**Ronald Naudi vs Unispeed Shipping and Forwarding Ltd**" din il-Qorti (**JRM**) qalet hekk – *'Minhabba dak li jipprovdi l-artikolu 2111 tal-Kap 16, il-Qorti hija marbuta li tqis biss il-preskrizzjoni specifika mressqa mill-imharrek u ma tistax minn rajha tqis li jezisti terminu preskrittiv iehor (ukoll jekk dan jezisti), ghaliex, jekk isir dan, il-Qorti tkun qeghda tindahal u tissupplixxi ghall-parti eccipjenti f'materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizjattiva.'.* Kwindi din il-Qorti ssostni l-principju illi mhuwiex il-kompitu taghha illi meta tara li preskrizzjoni nvokata ma tirrizultax, tkun hi li mbaghad tfittex xi preskrizzjoni ohra partikolari. Il-Qorti hija obbligata tqis u tiddeciedi biss il-preskrizzjoni partikolari li tkun eccepita (ara – '**Perit Victor Muscat vs Edgar Tabone**' - Appell Civili - 18 ta' Frar 1963; **'Paul Xuereb vs Amabile Fiott'** - Appell Sede Inferjuri - 3 ta' Dicembru 1975; u "**George Cini vs Rita Camilleri**" – Qorti tal-Kummerc - 26 ta` Lulju 1979).

**Billi l-preskrizzjoni eccepita skond l-Art 2148(a) tal-Kap 16 mhijiex applikabbli ghall-kaz tal-lum, l-ewwel eccezzjoni qeghda tkun michuda.**

**Ikkunsidrat :**

## IV. Ir-relazzjoni tal-perit tekniku Perit Godwin Abela

Fir-rapport tieghu, il-perit tekniku Perit Godwin Abela ghamel il-konsiderazzjonijiet illi gejjin, wara li qies il-provi, wara li mar fuq il-post u wara li ghamel l-accertamenti tieghu :

*1. Illi l-attur ghamel xoghol ta' kostruzzjoni fil-fond tal-konvenuti fil-Gharghur ibbazat fuq pjanti u*

*struzzjonijiet moghtija lilu mill-konvenuti u dan taht id-direzzjoni tal-istess konvenut Perit Patrick Calleja ;*

*2. Illi ma kienx hemm ftehim bil-miktub bejn l-attur u l-konvenuti dwar prezzijiet jew rati ta' kostruzzjoni applikabbli ghal dan il-progett specifiku, lanqas kien hemm ftehim bil-miktub dwar il-perijodu ta' zmien li fih kellu jigi kompletat ix-xoghol. Kien hemm biss il-htiega mill-konvenuti li x-xogholijiet jigu kompletati fi zmien sena Novembru 2002 sabiex il-finishes jilhqu jsiru sa Frar 2004 meta l-konvenuti xtaqu jidhlu fil-fond imsemmi ;*

*3. Illi l-attur halla f' idejn il-perit konvenut sabiex dan jipprezza x-xogholijiet hu fuq bazi ta' rati kurrenti ;*

*4. Illi minhabba l-lokazzjoni tal-fond tal-konvenuti u l-access principali ghalih li kien sqaq, kien hemm element ta' diffikulta' zejjed fejn jirrigwarda trasport ta' materjal u limitazzjoni fuq l-ingenji li setghu jintuzaw ;*

*5. Illi l-konvenuti ghamlu attentat tramite l-attur biex juzaw ghalqa ta' terzi fuq wara biex iwasslu l-materjal u forsi l-ingenji mehtiega minn hemm, izda dan l-attentat ma sehhx avolja l-konvenuti hallsu lill-attur Lm 1,000 li l-istess attur kellu jghaddi lis-sidien tal-ghalqa ;*

*6. Illi l-kejl principali tax-xogholijiet sar f' zewg okkazzjonijiet, u dan sar mill-attur u l-perit konvenut flimkien. Wara l-kejl, il-perit konvenut hareg il-kontijiet a bazi ta' rati stipulati minnu u ghadda kopji tal-kontijiet lill-attur. Sa Gunju 2004 ix-xogholijiet ammontaw ghal Lm 35,711.11 inkluz il-VAT ;*

*7. Illi ndipendentement mill-kejl, il-perit konvenut kien qed ihallas lill-attur akkont meta l-istess attur kien jitolbu xi hlas ;*

*8. Illi f'`Gunju 2004, l-attur thallas l-ahhar Lm 5,000 meta mar jikkompleta x-xogholijiet bil-bini ta' zewg kmamar fil-gnien. L-ammont totali li kien thallas kien ta' Lm 40,085 ;*

*9. Illi f`Novembru 2004, l-attur mar ghand il-konvenut u talbu aktar flus ghax-xogholijiet li kien ghamel ghax deherlu li r-rati li kien uza l-perit konvenut ma kienux bizzejjed u li certu xogholijiet li kien ghamel ma kienux inkluzi fil-kontijiet tal-istess perit konvenut ;*

*10. Illi l-attur mar ghand il-Perit Philip Azzopardi w urih il-kontijiet tal-perit konvenut, tah il-pjanti u l-informazzjoni dwar ix-xoghol li kien ghamel u l-Perit Azzopardi, li ma kienx mar fuq il-post u vverifika l-kejl u x-xogholijiet, hareg kont tal-istess xogholijiet li jammonta ghal Lm 61,852.72 inkluz il-VAT ;*

*11. Illi oltre ghall-kont mahrug mill-Perit Azzopardi, l-attur qed jippretendi hlas fl-ammont ta' Lm 5,598.78 inkluz il-VAT, ghal xogholijiet extra li ghamel fil-fond tal-konvenuti ;*

*12. Illi d-differenza bejn il-kontijiet mahrugin mill-perit konvenut u l-hlas pretiz mill-attur, li tammonta ghal Lm 27,451.15, tant hi kbira li riedet bilfors issir verifika tad-dokumenti sottomessi u verifika shiha tal-kejl tax-xogholijiet li saru.*

Din il-Qorti accertat illi fit-twettieq tal-inkariku tieghu, il-perit tekniku ghamel ezercizzju dettaljat ta' verifika tal-kejl u tar-rati, sabiex ikun jista' johrog kwadru car tax-xogholijiet li saru, u jaghmel paragun bejn dak li qieghed jippretendi l-attur u dak li hallsu l-konvenuti biex milli jsib jasal ghall-kejl u ghar-rati korretti w applikabbli ghall-kaz tal-lum. Il-perit tekniku hareg *a measured bill of quantities* ibbazat fuq il-kejl li ha fil-prezenza tal-partijiet meta acceda fuq il-post, kif ukoll mit-taghrif illi tawh il-partijiet waqt li kien qieghed isir il-kejl.

Il-konkluzjoni tal-perit tekniku kienet illi l-valur tax-xogholijiet ta' kostruzzjoni li saru mill-attur fil-fond tal-konvenuti kien jammonta ghal total ta' €102,877.78c inkluz il-VAT.

Il-perit tekniku kkonstata illi l-pretensjonijiet tal-attur ghal hlas addizzjonali kienu bbazati (a) fuq kont mahrug mill-Perit Philip Azzopardi li qatt ma mar jivverifika *in situ* x-xogholijiet li kienu saru, u li minghajr ebda gustifikazzjoni, applika rati ezagerati u mhux realistici ghal bosta mix-xogholijiet illi kienu saru u (b) fuq il-pretensjoni tal-attur illi kien nefaq cirka €93,175 fi spejjez ghal materjali bla ma ressaq prova dokumentarja li ssostni dik il-pretensjoni.

Finalment il-perit tekniku wasal ghall-konkluzjoni illi favur l-attur kien ghad fadal x`jithallas bilanc ta` **€9,504.85** (inkluz l-VAT) stante illi l-valur tax-xogholijiet tal-attur kienu jammontaw ghal €102,877.78 waqt illi l-attur kien diga` thallas minghand il-konvenuti s-somma ta` €93,372.93.

**Ikkunsidrat :**

## V. Ir-relazzjoni tal-periti teknici addizzjonali

Din il-Qorti ghaddiet ghall-hatra ta` periti teknici addizzjonali wara talba tal-attur. Wara talba mill-periti addizzjonali, din il-Qorti hatret lill-*quantity surveyor* Paul Cachia sabiex ikejjel ix-xoghol u jhejji *bill of quantities*. Jirrizulta li l-perit addizzjonali marru wkoll fuq il-post.

Fir-relazzjoni jinghad illi l-periti ddiskutew kull rata ta` kull bicca xoghol li tkejjlet, u wara li hadu konjizzjoni tal-provi, huma qablu unanimament fuq kull rata li giet applikati fid-Dok EX1 li jaghmel parti mir-relazzjoni taghhom.

Fil-konkluzjonijiet taghhom, il-periti addizzjonali jghidu hekk –

*l-esponenti stmaw illi dawn ix-xogholijiet kollha jammontaw ghal tlieta u erbghin elf disa` mija u lira u sitta u ghoxrin centezmu Maltin (Lm 43,901.26 jigifieri €102,289.9). Ghalhekk l-attur huwa dovut bilanc ta` tlett elef disgha mija u lira Maltija u sitta u ghoxrin centezmu (Lm 3,901.26) jigifieri disgha t`elef, disgha u tmenin Ewro u tlieta u disghin centezmu* **(€9,089.9)** *minghand il-konvenuti, meta wiehed jikkunsidra illi l-attur diga` rcieva s-somma ta` erbghin elf lira Maltin (Lm 40,000 - €93,200).* (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti).

Meta sarulhom domandi in eskussjoni, il-periti addizzjonali sostnew li r-rati li applikaw fil-kalkoli taghhom kienu cirka 20% oghla mill-*going rates*. Ikkonfermaw li huma hadu in konsiderazzjoni l-fatt li l-access ghall-fond tal-konvenuti kien ristrett, li kellu jsir xoghol b'makkinarju izghar u li x-xoghol kien jikkonsisti f`alterazzjonijiet, zidiet, twaqqiegh u hrug ta' materjal. Il-periti fissru illi meta x-xoghol ma jkunx jista' jitkejjel, ix-xoghol jigi meqjus b' *man days*.

**Ikkunsidrat :**

**VI. Risultanzi**

Il-kostatazzjonijiet, konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet ta` natura teknika li jsiru minn perit mahtur mill-Qorti jikkostitwixxu prova mportanti ghall-gudikant biex ikun jista` jasal ghad-decizjoni tieghu.

Fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza "**Calleja vs Mifsud**", il-Qorti ta` l-Appell irriteniet li –

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostittwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero` huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta` l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta` l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta` natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta` espert in materja. B` danakollu dan ma jfissirx illi l-qorti ma kellhiex thares b` lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta` natura teknika.*

In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (*dictum expertorum numquam transit in rem judicatam*), fl-istess waqt, dak ma jfissirx li "*qorti dan tista` taghmlu b` mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b` ragunijiet li ma ghandhomx ikun privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami."* (ara –"**Grima vs Mamo et noe**" – Qorti ta` l-Appell – 29 ta` Mejju 1998). Ghalhekk, "*qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kenitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.*" (**"Cauchi vs Mercieca"** – Qorti ta` l-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 u **"Saliba vs Farrugia"** – Qorti ta` l-Appell – 28 ta` Jannar 2000).

Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti hija konvinta li kemm l-ewwel perit tekniku kif ukoll il-periti addizzjonali ghamlu xoghol akkurat u preciz sabiex jistabilixxu l-fondatezza o meno tal-pretensjoni attrici kif kienet dedotta fir-rikors guramentat. Fil-kaz tal-periti addizzjonali, kien hemm ukoll il-hidma agguntiva tal-*quantity surveyor* Paul Cachia. Fil-qadi tal-inkariku taghhom, il-periti addizzjonali ghamlu ezercizzju ta` kejl u ta` stima ta` xogholijiet separat minn dak tal-ewwel perit tekniku. Oggettivament il-valutazzjoni tal-periti addizzjonali (**€9,089.90**) tvarja relattivament bi ftit mill-istima tal-ewwel perit tekniku (**€9,504.85**).

**Din il-Qorti sejra toqghod fuq il-*workings* tal-periti addizzjonali** anke meta tqis illi ghal dak li huwa kejl il-periti addizzjonali kienu assistiti minn *quantity surveyor* kif ukoll fil-kaz taghhom kienu adottati rati li kienu 20% oghla mill-*going rates.* Jirrizulta li l-*quantum* tal-hlas pretiz mill-attur kien esagerat anke ghaliex l-attur ghazel li jsostni l-pretensjoni tieghu abbazi ta` kont li hareg il-Perit Philip Azzopardi, bla mar fuq il-post biex jivverifika x-xogholijiet li saru, w allura bla ma ha ebda kejl, kif ukoll, minghajr ebda raguni jew gustifikazzjoni plawsibbli jew ben korraborata minn kostatazzjonijiet u provi oggettivi, hadem b`rati esagerati u mhux attinenti ghar-realta` tax-xoghol li sar. Inoltre l-attur ippretenda rimbors ta` spejjez li allega illi nkorra bla ma gab prova sodisfacjenti ta` dawk l-ispejjez. Din il-Qorti mhijiex tikkondividi l-argument li gab l-attur fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu meta sostna li tant kien hemm ftehim fuq ir-rati mal-konvenuti illi l-konvenut stess kiteb il-prezzijiet fuq *letterhead* tieghu mahruga minn fuq il-*computer* tal-konvenut. Il-Qorti tghid illi l-assjem tal-provi juri illi l-kaz ma kienx kif qieghed jallega l-attur fis-sens illi ma kien hemm l-ebda ftehim dwar rati u propju ghaliex hekk kien il-kaz, inqala` d-disgwid li wassal biex saret din il-kawza. Finalment din il-Qorti tirrimarka li t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti fis-sens li huma sofrew danni minhabba d-dewmien fl-ezekuzzjoni tal-appalt, u r-raba` eccezzjoni fis-sens illi x-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti b`ebda mod ma kienu ppruvati u kwindi qeghdin jigu respinti.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza hekk –**

**Tichad l-ewwel eccezzjoni.**

**Tilqa` t-tieni eccezzjoni limitatament.**

**Tichad it-tielet u r-raba` eccezzjonijiet.**

**Tilqa` t-talba attrici limitatament billi tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu lill-attur is-somma ta` disat elef disgha u tmenin lira disghin centezmu (€9,089.90) bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**Tordna illi l-ispejjez kollha ta' din il-kawza ghandhom jithallsu in kwantu ghal hamsa u tmenin fil-mija (85%) mill-attur u in kwantu ghal hmistax fil-mija (15%) mill-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------